**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 34**

IT-TNEJN 5 TA' SETTEMBRU FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA | SINDKU KLJ CMLJ |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER (Attenda laqgħa fis-7.30pm) |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| MS MARISA PISANI | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti :
2. Komm. mis-Sindku ( *inkluż Korrispondenza*)
3. Affarijiet Finanzjarji
4. Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri
5. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tas-Seduta 33 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## II Punti mill-Minuti

i Dwar il-Bus Shelter fi Triq il-Palma s-Sindku nforma li ma kien hemm l-ebda żvillup. Ġie deċiż li tintbagħat *reminder* dwar din il-materja. Bus shelter

ii Dwar il-pro[ett tax-Xelter is-Sindku nforma li qed nistennew li joħroġ il-permess tal-MEPA tal-Compliance Certificate. Pro[ett tax-xelter

iii Is-Sindku rrefera li ix-xogħlijiet tar-resurfacing tat-toroq (PPP) u nforma li minkejja diversi kommunikazzjonijiet li saru, l-Kuntrattur għadu m'għamilx data fissa ta' meta se jibdew ix-xogħlijiet ppp

iv Is-Sindku nforma li l-każ tal- 5-A-Side football ground għadu ma ġiex diskuss ma' l-avukat. Huwa nforma wkoll li s-Sur D.Mizzi se jagħmel stima ta' l-ispejjeż involuti. 5 A Side Ground

v Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' l-Isqaq Santa Marija. Huwa qal li l-WSC qed tistenna ittra mingħand it-Transport Malta biex jgħaddulna l-materjal. Sqaq Santa Marija

vi Is-Sindku nforma li saret sejħa għall-offerti għal diversi servizzi u oġġetti, kif ukoll għal Manutenzjoni u Tisbiegħ tal-blokki tal-flats tal-Gvern. Huwa qal li d-data ta' l-għeluq ta' dawn it-tenders hija t-13 ta' Settembru 2011. Sejħa għall-offerti

vii Is-Sindku nforma li għad m'hemm l-ebda risposta mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq dwar it-talba ta' Ġnien Veliko Turnovo. Ġnien Veliko Turnovo

viii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Garanzija Bankarja favur l-MEPA ta' €5000 saret. Garanzija Bankarja MEPA

ix Is-Sindku rrefera għat-talba tal-Kunsill biex isir Interim Audit. Huwa qal li għad m'hemm l-ebda risposta dwar din it-talba. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra oħra biex isir audit investigattiv kemm jista' jkun malajr peress li l-kawża dwar il-kummenti li għamel l-ex Seg. Eżek. se tibda' tinstema f'Ottubru li ġej. Interim Audit

x Il-Kunsill ġie nfurmat li minn investigazzjoni li saret jirriżulta li l-kontijiet pendenti tal-Perit Mintoff imorru lura għal diversi snin. Dawn jinvolvu Ċertifikazzjoni ta' xogħlijiet infrastrutturali li kienu saru fil-lokalita'. Is-Sindku qal li l-files ta' dawn xogħlijiet għadhom ma nstabux u għaldaqstant se tkompli l-investigazzjoni. Kontijiet pendenti tal-Perit Mintoff

xi Is-Sindku nforma li l-ittra li bgħat l-Avukat tal-Kunsill lill-ex Segretaru Eżekuttiv għadha ma ġietx imwieġba. Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill

xii Is-Sindku rrefera għal bilanċ dovut lis-Sur D.Mizzi għal xogħlijiet fi Ġnien Ovindoli. Huwa qal li dawn se jintalbu jibgħatu l-aħħar invoice. Xogħlijiet fi Ġnien Ovindoli

III.i Is-Sindku nforma li se jsiru inspections dwar is-safety fil-playing fields fil-ġimgħat li ġejjien. Huwa nforma li nqalgħu xi bandli li kienu perikolużi. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' €388 (unit price) biex dawn issiru ġodda. Playing Fields

III.ii Il-Kunsill iddiskuta l-Proġett ERDF 213 u approva unanimament ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni fejn il-Perit Chris Mintoff intgħażel biex jkun l-Project Manager ta' dan il-proġett. Pro[ett ERDF 213

III.iii Is-Sindku nforma li nbeda' x-xogħol biex is-sistema tad-dawl tal-Kunsill tinqeleb għall-3 phase. Huwa qal li l-Enemalta rrifjutat l-applikazzjoni għal dan il-permess minħabba li l-bilanċ dovut tal-meter tal-Monument ġie nkluż mal-kont tal-Uffiċċju Amministrattiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija kkomunikat dwar dan diversi drabi mal-ARMS u qed tipprova tirranġa s-sitwazzjoni peress li dan il-każ ilu żmien twil pendenti u qatt ma ġie solvut. Dawl 3 phase

III.iv Il-Kunsill aprrova xogħlijiet ta' bankini fi Triq skond il-BOQ's ippreżentati mill-Perit. Xogħlijiet ta'bankini

III.v Is-Sindku nforma li l-Perit iċċertifika x-xogħlijiet ta' l-embellishment u pavimentar li saru mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA u saret applikazzjoni biex l-Kunsill jingħata l-flejjes minfuqgħa. Urban Improvement Fund

III. vi Is-Sindku rrefera għall-attivita' 'Epoka' u ppreżenta kwotazzjoni tas-Sur David Grasso għall-prezz ta' €120 għas-servizz tas-sound għal Ġimgħa u ta' €120 għas-Sibt. Din ġiet approvata mill-Kunsill. Attivita 'Epoka'

III.vii Is-Sindku qara l-korrispondenza dwar il-Premju Anzjan 2011. Premju Anxjan tas-Sena

III.viii Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' 'Puniċi' li qed tiġi organizzata fil-lokalita' fit-18 ta' Settembru. Huwa qal li l-organizzaturi talbu li l-Kunsill jieħu ħsieb il-parti li fiha ser isir it-tberik ta' l-annimali. Ġiet approvata s-somma ta' €360 biex jinxtraw trophies li se jiġu ppreżentati lill-parteċipanti. Attivita' Punici

III. ix Is-Sindku nforma bil-problema ta' l-internet fil-Librerija. Huwa qal li minħabba f'hekk diġa kellhom jitħassru l-eżamijiet ta' l-ECDL. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li jiġi nsallat is-servizz tal-Melita. Internet Fil-Librerija

III.x Is-Sindku nforma li ser ssir sejħa fil-Kunsilli għall-impjieg ta' skrivana fi skala 13. Huwa qal li l-Bord ta' l-għażla se jkun kompost minnu u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mis-Senior Executive Officer. Sejħa għall-Impjieg

Il-Kunsill qabel unanimament.

## IV Affarijiet Finanzjajrji

i L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

ii. Il-Kunsill unanimament approva l-finanzjament ta' struttura ta' l-stainless steel miksija bil-plastik li biha se tingħalaq l-area tal-Customer Care biex tissaħħaħ is-sigurta' ta' l-iskrivani. Customer Care Area

**V Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri**

V.i Rapport mill-Viċi Sindku

V.i.i Il-Viċi Sindku nforma li fil-ġimgħat li ġejjien ser tiġi organizzata hobbies exhibition bit-tema tal-Milied. Hobbies Exhibition

V.i.ii Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm konkorrenza tajba għall-korsijiet ta' l-adulti. Huwa qal li ġew magħżula dawk li kien hemm l-iżjed applikazzjonijiet għalihom peress li mhux possibli li dawn isiru kollha minħabba n-nuqqas ta' spazju. Il-Viċi Sindku qal li se jsiru klassijiet tal-Malti, Ingliż u Taljan. Huwa rrapporta wkoll li qed jaħdem biex jiġu organizzati wkoll tal-Ganutell u l-Bizzilla. Korsijiet ta' l-Adulti

V.iii Dwar il-kors tal-EGOV il-Viċi Sindku nforma li dan sar avviz għalih fil-fuljett tal-Kunsill. Korsijiet tal-Egov

**V.ii Rapport mill-Kunsillier K.Darmanin**

V.ii.i Il-Kunsiller K. Darmanin irraporta dwar il-laqgħa li flimkien mas-Sindku kellu mas-Supretendent tad-Distrett. Huwa nforma wkoll li s-Supretendent se tagħmel laqgħa għar-residenti fiċ-Ċentru Kommunitarju fit-12 ta' Settembru fl-10:30 ta' filgħodu. Laqgħa mar-Residenti

V.ii.ii Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll bil-5-a side tournament li se jsir fid-9 ta' Ottubru 2011 fil-ground ta' l-Oratorju. 5-a side tournament

V.ii.iii Il-Kunsillier K. Darmanin informa li se jsiru laqgħat tan-Neighbourhood Watch għall-areas kif imsemmi hawn taħt: Neighbourhood Watch Areas

- Neighbourhood Watch Area 21 – 5 ta' Settembru
- Neighbourhood Watch Area 22 – 12 ta' Settembru
- Neighbourhood Watch Area 22– 19 ta' Settembru
- Neighbourhood Watch Area 22 – 26 ta' Settembru
- Neighbourhood Watch Area 23 – 3 ta' Ottubru

V.ii.iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Parlament taż-Żgħażagħ jiltaqa' nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru Parlament taż-Żgħażagħ

**V.iii.i Rapport mill-Kunsillier L.Bonavia**

V.iii.ii Il-Kunsillier L.Bonavia ppropona li ssir laqgħa dwar l-influwenza staġjonali. Huwa ppropona wkoll li ssir attivita' ta' ġurnata fejn isiru testijiet b'xejn għad-dijabete. Influwenza Staġjonali

**V.iv Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

V.iv.i Il-Kunsilliera D. Vella nfurmat li se tagħmel laqgħa għas-sottokumitat biex jiġi mfassal programm ta' ħarġiet Laqgħa għas-sottokumitat

**V.v Rapport mis-Sindku**

V.v.i Is-Sindku ta rapport ta' xi ħidmiet li saru mill-Kumitat tar-Reġjun.

V.v.ii Huwa rrefera għas-Sistema tal-LES u qal li minn din il-ġimgħa d-dħul taċ-Ċitazzjonijiet se jmorru r-Reġjun. Sistema LES

V.v.iii Is-Sindku tkellem wkoll dwar is-sistema tad-dawl tat-toroq u qal li se jiċċekja meta jagħlaq il-kuntratt kurrenti peress li dan ix-xogħol wkoll se jibda' jaqa' taħt ir-responsabilta' tar-Reġjun. Sistema tad-dawl tat-toroq

V.v.iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Uffiċċju Amminstrattiv tar-Reġjun se jkun f' Ħal Tarxien,

**Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm.**

*Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ*
*Sindku*

*Marisa Pisani*
*A/Seg. Eżek*